MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1707/2005

**Charmaine u Antoine konjugi Baldacchino**
**(I.D. No. 561583(M) u 251382(M) )**

**Vs**

**Michelle Tonna (I.D. 480575(M) u Emanuel Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Settembru 2005, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' mitejn Liri Maltin (Lm200.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill- atturi s-somma ta’ mitejn Liri Maltin (Lm200.00), bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------